# IN-NAKKRA

*Guido Lanfranco*

In-Nakkri huma molluski li għandhom il-qoxra magħmula minn żewġ biċċiet u għalhekk qegħdin fi grupp ta' molluski li jissejħu bivalvi. Minn dawn il-molluski bivalvi, in-Nakkra (*Noble Fan-mussel, Noble Fan-shell, Noble Pen-shell*) hija l-akbar waħda li tinstab fil-Mediterran. Minħabba li tikber ħafna, normalment bejn 50 u 70 ċm, qiegħda tiskarsa minn postijiet fejn qabel kienet komuni. It-tniġġis tal-baħar għandu sehem fit-tnaqqis tan-numri tagħha, iżda l-bniedem għandu tort kbir ukoll. Il-bniedem sab mezz biex jista' jinżel aktar spiss u aktar fit-tul taħt l-ilma. F'dawn l-aħħar snin, kull fejn jinżel u jsib xi ħaġa li togħġbu beda jeħodha d-dar. In-Nakkra l-Kbira bdiet tintgħoġob u għalhekk ħafna bdew itellgħu minnha biex jeħduhom id-dar u jżommuhom rikordju. Saħansitra bdew ukoll jinbiegħu fuq il-monti u fil-ħwienet tas-souvenirs, x'aktarx b'xi tpinġija fuqhom.

In-Nakkra l-Kbira hija annimal li għandu tifsila u għamla bħall-bivalvi l-oħra, jiġifieri ponta jew tarf dejjaq fuq quddiem, b'fetħa wiesgħa fuq wara. Fejn il-qxur jaqbdu flimkien huwa d-dahar. In-Nakkra nsibuha bil-ponta 'l isfel midfuna fit-tajn, żrar, ramel, jew taħlita ta' algi fil-bajjiet jew qrib ix-xtajtiet, minn ftit metri 'l isfel sa fond mhux ħażin. Hi taqbad mal-qiegħ permezz ta' xuxa safranija jew aktar skura fil-griż, li teħel ma' xi blat taħt it-tajn u r-ramel, u b'hekk il-mewġ ma jqanqalhiex. Minħabba f'din ix-xuxa, bil-Malti ġieli hi magħrufa wkoll bħala Nakkra tal-Ħarira. Iżda l-biċċa l-kbira ta' l-annimal jibqa' wieqaf 'il fuq, imbexxaq, għall-kurrent tal-baħar, għax dan il-kurrent iġib miegħu l-ikel mikroskopiku li fuqu tgħix in-Nakkra.

Meta tkun għadha żgħira, in-Nakkra jkollha bħal qxur imqabbża 'l barra qishom xewk f'għamla ta' tubu, li jkunu numerużi l-aktar fuq in-naħa l-wiesgħa. In-naħa ppuntata tkun griża, tleqq, mingħajr dan it-tip ta' xewk. Għall-ewwel in-Nakkra jkollha l-qxur trijangolati sewwa, iżda aktar ma tikber aktar tibda tittondja, u tixxellef mhux ftit fin-naħa l-miftuħa. Titlef ukoll ħafna minn dawk il-qishom xewk ta' fuq il-qxur u ssir pjuttost lixxa aktar ma tixjieħ.

Man-Nakkra jinġabru xi organiżmi li jgħixu fiha jew magħha, mingħajr ma jtellfuha jew jagħmlulha ħsara. Minn dawn hemm diversi speċi ta' krustaċi u molluski oħra. Speċi ta' gamblu bajdani, twil madwar xi 3 ċm huwa wieħed mill-krustaċi li l-aktar niltaqgħu miegħu jistkenn fin-Nakkra, bejn il-qxur imbexxqin. Hemm ukoll mollusk bivalv ieħor ċkejken mir-razza tat-tamar, ukoll bajdani, li meta jkun żgħir, dan il-mollusk jibda jtaqqab ftit fuq ġewwa tal-qoxra tan-Nakkra. Waqt li jagħmel dan, in-Nakkra tiżviluppa bħal



*In-Nakkra l-Kbira (fuq)*
*Tamra tan-Nakkra (nofs)*
*Gamblu tan-Nakkra (isfel)*

kisja fil-qoxra minn ġewwa, li tikber madwar din it-tamra ċkejkna, u għalhekk il-qoxra ssir xi ftit irregolari, iżda l-ħajja tan-Nakkra ma tkunx ipperikolata. Din l-ispeċi ta' tamra tikber xi ċentimetru, u nistgħu nsejħulha Tamra tan-Nakkra, bħalma l-gamblu nistgħu nsejħulu Gamblu tan-Nakkra.

Minbarra n-Nakkra l-Kbira, fl-ibħra tagħna jinstabu wkoll żewġ speċi ta' nakkra oħra li mhumiex magħrufin daqsha. Waħda hija n-Nakkra tax-Xewk, hekk imsejħa minħabba li għandha x-xewkiet tagħha aktar kbar u jidhru, qishom tubu fit-tond, li jinsabu wkoll f'ringieli weqfin. Il-forma tal-qoxra tagħha hija aktar trijangolari minn ta' qabilha, iżda l-lewn jidher l-istess, jiġifieri safrani-kannelli. Minn ġewwa, in-Nakkra l-Kbira hija ċara ħafna, oranġjo fil-kannella, iżda n-Nakkra tax-Xewk minn ġewwa hija aktar fil-griż. Din ta' l-aħħar tinstab aktar fejn hemm il-blat milli tinstab in-Nakkra l-Kbira, u aktar fil-fond ukoll. Hija tikber sa xi 30 ċm u hija pjuttost rari.

It-tielet speċi ta' nakkra hija n-Nakkra tal-Fond. Din hija mill-aktar fraġli, lixxa, mingħajr dawk qishom xewk fuq il-qoxra, u ta' lewn griż ileqq. Ġieli tikber xi 25 ċm iżda żżomm aktar fil-fond. Madanakollu tinstab aktar abbundanti mit-tnejn l-oħra. Billi hija delikata ħafna, meta xi ħadd jipprova jtellagħha, kważi dejjem titfarrak.